MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2005

Numru. 712/2004

Il-Pulizija
(Spettur Ian J Abdilla)
vs
Alessandro Vella

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Alessandro Vella, detentur tal-karta ta' l-identita numru 464080 (M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat:

1. Talli, fil-31 ta' Lulju, 2004 u fil-granet u l-gimghat ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, bil-hsieb li ttellef jew inaqqas il-gieh ta' Jean Paul Mifsud u persuni ohra, weggahom bi kliem, b'gesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod iehor; (Bi ksur ta' l-Artikolu 252 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);
2. U aktar talli, fl-istess lok, zminijiet u cirkostanzi, dolozament, b'xi mezz imsemmi fl-Artikolu 3 ta' l-Att dwar l-Istampa, xerred ahbarijiet foloz illi jistghu jallarmaw l-opinjoni pubblika, jew jiddisturbaw il-bon ordni jew il-paci

pubblika, jew setghu joholqu agitazzjoni fost il-pubbliku jew fost certi klassijiet tal-pubbliku; (Bi ksur ta' l-Artikolu 9 tal-Kapitlu 248 tal-Ligijiet ta' Malta);
3. U aktar talli, fl-istess lok, zminijiet u cirkostanzi, dolozament, b'xi mezz imsemmi fl-Artikolu 3 ta' l-Att dwar l-Istampa b'nuqqas ta' diligenza ordinarja, xerred ahbarijiet foloz li setghu allarmaw l-opinjoni pubblika, jew iddistrubaw il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku; (Bi ksur tal-Artikolu 10 tal-Kapitlu 248 tal-Ligijiet ta' Malta);
4. U aktar talli, fl-istess lok, zminijiet u cirkostanzi, dolozament, b'xi mezz imsemmi fl-Artikolu 3 ta' l-Att dwar l-Istampa, ta malafama lil diversi persuni; (Bi ksur ta' l-Artikolu 11 tal-Kapitlu 248 tal-Ligijiet ta' Malta);
5. U aktar talli, fl-istess lok, zminijiet u cirkostanzi, uza xi infrastruttura jew apparat ta' telekommunikazzjonijiet provduti minn provditur awtorizzat ghal xi ghan li ma jkunx dak li ghalih kienu gew provduti, jew naqsu mill-josservaw dawk l-istruzzjonijiet li jinhargu minn provditur awtorizzat ghall-uzu sew ta' l-infrastruttura tat-telekommunik-azzjonijiet jew taghmir jew ghamlu uzu minnu mhux sew; (Bi ksur ta' l-Artikolu 39 (1) (d) tal-Kapitlu 399 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti;

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet lill-imputat iwiegeb li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Semghet lix-xhieda li gew prodotti inkluz l-imputat minn jeddu u bil-gurament;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi fl-14 ta' Lulju 2004 l-Iskwadra ta' kontra ir-Reati Ekonomici giet infurmata permezz ta' kwerela mis-Sur Jean Paul Mifsud, fil-kapacita tieghu bhala Chairman tal-YMCA, illi kienet qeghda ticcirkula E Mail fuq l-internet kontenenti materjal malizjuz li kien : hammeg kemm ir-reputazzjoni tieghu, u kif ukoll tal-organizazzjoni imsexxija minnu, jigifieri il-YMCA. L-Ispettur Abdilla kien zamm laqgha ma l-imsemmi Jean Paul Mifsud li ghaliha kienu prezenti wkoll is-Supretendent Alexandra Mamo u s-Sur Peppi Azzopardi, u matul dan il-meeting il-pulizija gew murija kopja ta' l-E Mail in kwistjoni li kienet intitolata "Charity begins at home". L-Ispettur Abdilla xehed illi meta ra din l-E Mail kienet tidher li intbaghtet minn certu A Mallia @ email corner.net. L-Ispettur Abdilla kompla jixhed illi kienu kellmu kemm lil Jean Paul Mifsud, kif ukoll lil Peppi Azzopardi u staqsewhom ukoll jekk kellhomx xi suspett f'xi hadd u xi hadd minnhom qal lill-Ispettur illi kellhom suspett fuq certu Alessandro Vella mis-Siggiewi, fost suspettati ohrajn. Lill-Ispettur kienu qalulu illi Alessandro Vella kellu xi disgwid mal-"Where's Everybody" wara li l-imsemmija kumpannija "Where's Everybody" kienet ghamlet certu features fuq Norman Lowell. Sussegwentement, l-Ispettur kompla jixhed illi kienet inbaghtet E Mail minghand l-imsemmi Alessandro Vella, l-imputat, lil Jean Paul Mifsud, fejn Vella skuza ruhu ma Mifsud ghall-akkadut. L-Ispettur xehed illi l-pulizija mal-ewwel kienu ghamlu inquiries biex jaraw setghux jittraccaw minghand min intbaghtet l-E Mail. L-E Mail kienet intbaghtet @ email corner.net u l-pulizija skoprew li din l-E Mail, kellha is-site taghha ibbazata fl-Awstralja. Sussegwentement l-pulizija talbu l-assistenza tal-pulizija tas-Cyber Crime Unit fejn komplew jindagaw huma wkoll. Fil-15 ta' Lulju, 2004 l-Ispettur Abdilla flimkien ma PC 273 kienu kellmu lil Sandro Vella, l-imputat fid-dar tieghu. Huma kellmuh ghal hin twil u l-Ispettur xehed illi l-imputat mill-ewwel cahad l-involviment tieghu f'dan l-E Mail u kien qalilhom li hu ma kellux x'jaqsam maghha. Qalilhom illi sar jaf bl-E Mail ghaliex hu

stess kien irceviha xi granet qabel, izda kategorikament cahad li kien hu li kien baghat din l-E Mail. L-istess imputat kien volontarjament ta l-kompjuter tieghu lill-pulizija meta dawn staqsewh ghalih u l-komputer tal-imputat ghadda f'idejn PS 498 David Agius tas-Cyber Crime Unit tal-Pulizija ghal aktar indagini. Sussegwentement inhareg rapport mis-Cyber Crime Unit illi effettivament jinsab esebit a fol. 26 ta' dawn il-proceduri. Wara illi l-pulizija kellhom ir-rapport minn naha tas-Cyber Crime Unit huma regghu baghtu ghall-imputat illi irrilaxxja stqarrija illi kien ghazel ukoll illi jiffirmaha. L-imputat f'din l-istqarrija baqa jichad illi kien b'xi mod involut fit-tixrid ta' l-E Mail in kwistjoni. Mistoqsi jekk kienx jaf min kien "A Mallia ta' email corner.net" l-imputat kien wiegeb li ma kienx jaf min hu, izda gieli ircieva E Mails minghandu. Mistoqsi ghal x'hiex beda b'dan il-process illi jidhol f'diversi siti ta' l-E Mails u inizzel id-dettalji ta' l-E Mail addresses ta' diversi persuni, l-imputat qal illi hu gieli ghamel din il-bicca xoghol sabiex jaggorna l-address book tieghu. L-Ispettur staqsih "allura b'kumbinazzjoni li inti dhalt f'dawn is-sites nizzilt l-E Mail addresses u sussegwentement ftit sekondi wara intbaghtet l-E Mail lil dawn il-persuni li inti kont ghadek kif hadt id-dettalji ta' l-E Mail addresses taghhom?" Izda l-imputat baqa' jichad li kien hu li kien baghat l-E Mail. Mistoqsi ghalfejn kien baghat E Mail fejn skuza ruhu mas-Sur Mifsud, l-imputat wiegeb illi huwa kien skuza ruhu mhux ghaliex kien kiteb l-E Mail, izda ghaliex kien jaf dwarha jumejn qabel u ma ghamel xejn sabiex javza lil Mifsud. Apparti minn hekk, l-imputat qal lill-pulizija li hassu kolpevoli peress illi fil-perjodu in kwistjoni kien ghamel "all out" kontra t-team tal-"Where's Everybody" u allura haseb illi forsi bl-azzjonijiet tieghu setgha ipprovoka lil haddiehor biex jikteb din l-E Mail.

Illi fix-xhieda tieghu, l-Ufficjal Prosekutur xehed illi kien ghadu ma sab l-ebda konnessjoni bejn l-imputat u l-E Mail address "A Mallia @ email corner.net". Huwa xehed illi ghandu kuntatti mal-pulizija ta' l-Awstralja permezz tal-interpol sabiex jintraccaw l-E Mail address, izda kien ghadu ma sab l-ebda konnessjoni bejn l-imputat u dan E Mail address.

Illi fl-istqarrija illi irrilaxxja lill-pulizija, mistoqsi jekk l-imputat kellux account ma "email corner.net", huwa wiegeb illi huwa ghandu E Mail address wiehed biss li kien "info@sandrovella.org", dejjem uza lilu u qatt ma inheba wara xi haga ohra. Mistoqsi jekk kienx jaf li l-E Mail addresses kollha li ircevew dan l-E Mail kienu sabuhom fuq il-kompjuter tieghu, l-imputat wiegeb illi huwa ghandu hafna E Mail addresses fuq il-kompjuter tieghu. Mistoqsi jekk kienx jaf li l-pulizija kienu sabu illi huwa kien ghamel, jew ikreja l-lista ta' l-E Mail addresses kollha li ircevew l-E Mail in kwistjoni xi granet qabel ma l-E Mail intbaghtet lin-nies, l-imputat wiegeb illi huwa minnu illi huwa minn dejjem jiccekkja l-E Mail addresses u jaghmel "copy and paste" go "word document" apposta. Mistoqsi jispjega kif il-pulizija sabet illi hu kien dahal f' "web pages" partikolari li min fuqhom ittiehdu dawn l-E Mail addresses ftit sekondi biss qabel ma tnizzlu fuq din il-lista, l-imputat qal illi hu kien dahal verament f'dawn il-"Web pages". Mistoqsi jispjega ghaliex b'kumbinazzjoni in-nies kollha, bl-istess lista, bl-istess ordni, bla xejn mibdul, jew imnaqqas, jew mizjud ircevew l-E Mail in kwistjoni l-imputat staqsa "jista jkun li kont ihhackjat?" Mistoqsi jekk il-lista li kellu ghaddihiex lil xi hadd, l-imputat wiegeb illi l-lista kompluta ma kien ghaddiha lil hadd, izda ta' xi uhud kien ghaddiha. Mistoqsi kienx ikreja l-E Mail u baghat l-E Mail hu qal li la kien ikkrejaha u lanqas kien baghatha. L-imputat umbaghad gie mistoqsi min kien Kurt Scerri u huwa wiegeb li dan huwa habib kbir tal-"Where's Everybody" u hu ma jafx fejn jinsab, qatt ma kien iltaqa mieghu, izda gieli ikkommunikaw fuq l-internet u l-indirizz tieghu mhuwiex f'Malta.

Illi xehed PS 498 David Agius mis-Cyber Crime Unit tal-pulizija. Dan ix-xhud spjega illi l-E Mail in kwistjoni kienet originat minn server li mhuwiex fizikament f'Malta u li skond l-indikazzjonijiet li ghandhom qieghed l-Awstralja. Huwa xehed illi ikkomunikaw ma din il-kumpannija u talbuha tibghatilhom xi korrispondenza biex jaraw jistghux jiehdu l-informazzjoni min fejn kien origina l-kompjuter illi minnu intbaghtet l-E Mail in kwistjoni, u sa fejn jaf hu l-kumpannija wiegbet li ma setghetx tghaddi l-informazzjoni

u dana peress li ma kienitx zgura li fil-fatt min ried l-informazzjoni kien il-pulizija. Ix-xhud, in kontro-ezami, xehed illi l-investigazzjoni inizzjali kienu waslu biex jiddentifikaw illi sabiex jintbaghtu l-E Mails in kwistjoni dawn kienu intbaghtu minn servizz ta' E Mail provdut minn fuq l-internet. Pero' mill-investigazzjoni inizjali l-pulizija ma kienitx waslet ghall-imputat. Ix-xhud kompla jghid illi minn investigazzjoni sussegwenti li kien ghamel irrizultalu li dawk il-files ta' E Mail li mhux kompletat, id-data ta' meta gew ikkrejati dawk il-files fuq il-kompjuter kienet qabel ma l-E Mail giet ricevuta mill-persuni li fil-fatt umbaghad ircevew l-E Mail. Nonostante cioe', huwa xehed <u>illi ma sab l-ebda prova diretta li dawk l-E Mails originaw mill-kompjuter tal-imputat</u> (a fol. 25 tal-process).

Illi xehed is-Sur Jean Paul Mifsud, il-kwerelant, dwar ic-cirkostanzi kif sar jaf dwar l-E Mail malafamanti fil-konfront tieghu. Is-Sur Mifsud xehed, fost affarijiet ohrajn, illi apparti milli fl-imputat kienu qeghdin jissuspettaw ukoll f'certu Kurt Scerri li huwa wkoll habib tal-imputat. Dan Kurt Scerri huwa wkoll registered fis-site tal-Imperium Ewropa ta' Norman Lowell. Is-Sur Mifsud xehed illi jichad li jaf illi l-E Mail huwa responsabbli ghaliha Kurt Scerri u uza lill-imputat sabiex iwasslu ghal Kurt Scerri. Huwa xehed illi l-gut feeling tieghu hu illi kien hemm l-involviment f'din l-E Mail kemm tal-imputat, kif ukoll ta' Kurt Scerri u xehed ukoll illi Kurt Scerri bhalissa jinsab il-Germanja. Is-Sur Mifsud xehed illi Kurt Scerri kien wiehed mill-persuni illi huwa kien indika lill-pulizija bhala li setgha kien responsabbli ghal din l-E Mail, izda mhux biss fih kellu suspetti. Huwa xehed illi kien wasal ghall-imputat Sandro Vella ghaliex kien wiehed mill-persuni li kienu qeghdin jissuspettaw fih u apparti minn hekk ghaliex kien irceva E Mail minghandu fejn skond is-Sur Mifsud l-imputat ammetta li kien hu illi baghat l-E Mail. L-E Mail in kwistjoni illi baghat l-imputat giet fil-fatt esebita f'dawn l-atti. Is-Sur Mifsud kompla jghid illi hemm listi shah ta' nies illi huwa kien indika lill-Ispettur bhala l-persuni suspettati. Fiz-zmien in kwistjoni kienu ghadhom kif ghamlu per ezempju programm fuq l-uzura li kien qajjem kjass kbir. L-E Mail illi l-imputat baghat lis-Sur Mifsud tinsab esebita a fol 35 tal-process u tghid hekk :

“Ghaziz Jean Paul, jiddispjacini hafna ta’ li gara, li gara kien kollu tort tieghi, ma emmintx li n-nies kapaci jaslu sa hawn.  Nassumi kull responsabbilta u jekk ikollok bzonn anke xi haga pubblika ghidli u lest li nghinek.  Sandro Vella.”

Illi rega’ xehed l-Ispettur Abdilla u qal illi bhala nies suspettati s-Sur Mifsud kien indika lill-imputat, lil Kurt Scerri, lil Norman Lowell, lil tal-uzura, lil certa Joanne u lil certa Kelly, izda meta is-Sur Mifsud irceva l-E Mail minghand l-imputat, ix-xejra ta’ l-investigazzjoni aktar iccentrat fuq l-imputat.  L-Ispettur Abdilla xehed illi kien ghadu qieghed jinvestiga dwar Kurt Scerri u kien ghadu qieghed jistenna xi haga minghand il-pulizija ta’ l-Awstralja.  Through l-interpol kienu talbu d-dettalji tal-persuna li kien hemm wara l-E Mail in kwistjoni u l-Ispettur xehed illi meta jkollhom id-dettalji kollha jaraw x’passi ulterjuri jistghu jiehdu.  Huwa xehed illi l-investigazzjoni ghadha pendenti sabiex jaraw jekk jistax ikun hemm aktar nies involuti f’din l-E Mail.  Izda fuq l-imputat l-investigazzjonijiet huma maghluqa mija fil-mija u dana bir-rapport ipprezentat mill-pulizija Agius tas-Cyber Crime Unit.  L-Ispettur Abdilla xehed ukoll illi lil Kurt Scerri kien semmih diversi drabi fl-istqarrija mal-imputat ghaliex kif zvilluppaw l-affarijiet ir-relazzjoni bejn Sandro Vella u Kurt Scerri kienet akbar milli r-relazzjoni ta’ bejn Sandro Vella u l-indizzjati l-ohrajn u xehed ukoll illi din l-informazzjoni kien tahielu is-Sur Mifsud.

Illi xehed l-imputat minn jeddu u bil-gurament  qal illi l-unika raguni li kien assuma t-tort ma Jean Paul Mifsud kienet ghar-raguni li semma fl-istqarrija tieghu, kif ukoll biex jissimpatizza mieghu ghal dak illi kien gralu.  Huwa xehed illi ma certi nies huwa setgha jaghti aktar kredibbilita lis-Sur Mifsud u b’hekk iwaqqa dak li intqal fuqu fl-E Mail.  Huwa rega’ ikkonferma li ma ghandu xejn x’jaqsam ma l-E Mail illi intbaghtet lis-Sur Mifsud.  Huwa qal illi ma ghandu assolutament xejn kontra l-istess Mifsud.  L-imputat kompla jixhed illi meta gie ritornat lilu l-kompjuter minghand il-pulizija huwa sab fil-kompjuter wiehed u sittin virus.  Huwa xehed illi ma kienx induna b’dawn il-viruses qabel ghaliex huwa kien nehha kull tip

ta’ anti virus system  minn fuq il-computer tieghu peress illi l-anti virus kien qieghed jirrallenta is-sistema tal-kompjuter tieghu.  Mistoqsi ghal fejn kien dahal f’diversi sites bhal per ezempju tas-Super One, tal-Universita ta’ Malta, tan-National Audit Office, tal-Ombudsman, etc. etc. u nizzel diversi E Mail addresses, huwa xehed illi huwa dejjem jaggorna l-E Mail address book tal-kompjuter tieghu u dawn l-E Mails ma jissavejahomx gol-“Outlook” ghaliex dak software delikat li jitlef kollox malajr, allura tefghahom go “word document”.  Huwa xehed illi jista jkun illi dak id-dokument setgha gie ihhackjat.

Ikkunsidrat  :

Illi wara li l-Qorti ezaminat bir-reqqa l-asjem tal-provi kollha prodotti tara illi l-Prosekuzzjoni ma irnexxilhiex tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

Illi kif xehed l-istess Ufficjal Prosekutur, ghall-ewwel ma gie ippruvat l-ebda nexus bejn l-imputat u l-E Mail, izda skond l-Ufficjal Prosekutur dan in-nexus gie ippruvat wara illi l-pulizija kellha f’idejha r-rapport mis-Cyber Crime Unit tal-Pulizija.  Izda wara illi l-Qorti ezaminat bir-reqqa x-xhieda ta’ PS 498 David Agius tas-Cyber Crime Unit, illi ikkompila wkoll rapport dettaljat dwar dan il-kaz, dak illi irrizulta kien illi l-imputat ikkompila diversi listi ta’ E Mail addresses u illi kumbinazzjoni l-hin illi gew ikkompilati dawn il-listi ta’ E Mail addresses kien ftit hin qabel ma l-persuni imnizzla fuq l-istess E Mail addresses intbaghtitilhom l-E Mail in kwistjoni.  L-istess Surgent xehed illi kienu ippruvaw jaqbdu mal-kumpannija proprjetarja tal-“site” fuq l-internet li minnha intbaghtet l-E Mail in kwistjoni; liema kumpannija tinsab l-Awstralja, izda l-kumpannija ma setghetx taghti ebda informazzjoni peress illi ma kellhiex bizzejjed informazzjoni li tikkonvinciha illi kienu l-pulizija illi kienu qeghdin jitolbuha din l-informazzjoni.

Illi l-aktar zewg linji kardinali f’dan il-process kollu jinsabu a fol. 25 ta’ dan il-procediment u precizament il-hames u s-sitt linja ta’ folio 25 li jghidu hekk :

“Pero’ ma sibt l-ebda prova diretta li dawk l-E Mails originaw mill-kompjuter tal-imputat”. Din kienet l-ahhar parti tax-xhieda ta’ PS 498 David Agius tas-Cyber Crime Unit, l-istess Surgent illi ikkompila r-rapport illi fuqu ibbazat il-kaz kollu taghha il-Prosekuzzjoni u dana fuq dikjarazzjoni ta’ l-istess Ufficjal Prosekutur.

Illi jista jinghad illi kien possibbli u forsi wkoll illi kien probabbli illi l-imputat kien b’xi mod involut f’din l-E Mail. Izda, fil-kamp penali, il-grad tal-prova rikjesta mill-ligi hija wisq aktar minn hekk u irid iwassal lill-Qorti ghall-konvinciment morali lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Fic-cirkostanzi kollha ta’ dan il-kaz dan il-grad ta’ prova ma intlahaqx mill-Prosekuzzjoni.

Illi l-Qorti ma tistax tifhem kif il-Prosekuzzjoni ma ghamlitx dak kollu possibbli sabiex tottjeni l-informazzjoni illi kellha bzonn minghand il-kumpanija ibbazata fl-Awstralja u b’hekk kienet tkun tista’ tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, jekk verament kien l-imputat illi baghat l-E Mail in kwistjoni. L-Ufficjal Prosekutur stess stqarr illi kien qieghed in kuntatt mal-Interpol sabiex jottjeni l-informazzjoni, imma ghal xi raguni jew ohra l-informazzjoni baqghet ma waslitx.

Illi da parti tal-imputat huwa cahad ‘a tempo vergine’ l-involviment tieghu f’dan il-kaz u baqa’ konsistenti fil-verzjoni tieghu, kemm meta gie investigat mill-pulizija, kif ukoll meta irrilaxxja l-istqarrija wara li kien gie arrestat mill-pulizija, u kif ukoll meta xehed f’dawn il-proceduri u fl-ebda stanza ma wera xi ikkonsistenza, u bl-ebda mod u fl-ebda hin jew cirkostanza ma biddel il-verzjoni tieghu.

Illi l-istess Ufficjal Prosekutur fix-xhieda illi ta a fol 13 tal-process xehed “bhalissa ghandna kuntatt mal-pulizija tal-Awstralja permezz ta’ l-Interpol biex jaghtuna t-traces ta’ dan l-E Mail address. Dan l-E Mail address jipprovdi servizz ta’ E Mail forwarding”. Jidher pero’ illi l-informazzjoni mill-pulizija ta’ l-Awstralja baqghet ma waslitx u ghalhekk il-pulizija ma irnexxilhiex tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest mil-Ligi.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati ta’ l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u qeghda tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------